VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,395, 20 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 99 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 169 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom itemmu b'suċċess Kors Preparatorju, speċifikament relatat mal-qasam ta' studju propost fid-Diploma, li jkun mifrux fuq medda ta' tliet semestri ta' studju *full-time*. Jekk sat-tmiem tal-Kors Preparatorju, l-istudenti ma jkunux temmew b'suċċess it-taqsimiet studju kollha, għandhom jitħallew ikomplu kondizzjonalment għall-ewwel semestru biss tal-Kors tad-Diploma, u ma jkunux intitolati li jkomplu għat-tieni semestru sakemm ma jkunux għaddew mit-taqsimiet studju kollha tal-Kors Preparatorju qabel il-bidu tat-tieni semestru tal-Kors tad-Diploma."

L-Emenda għall-Artikolu 7 tal-Appendiċi I għall-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-Artikolu 7 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara, l-istudenti li jkomplu kondizzjonalment għall-ewwel semestru tal-Kors tad-Diploma, u li wara l-evalwazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal kwalunkwe taqsima studju tal-kors preparatorju, jitħallew jirrepetu t-taqsima/t-taqsimiet studju li weħlu fihom matul sena addizzjonali ta' studju, jekk eliġibbli li jagħmlu dan skont ir-regolamenti prinċipali."